QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Louise Calleja)**

**Vs**

**John Saliba**

**Omissis 1**

**Omissis 2**

Kump Nru: 128/2017

Illum 21 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Saliba**, detentur ta' karta tal-identita' 54563(M) u **Omissis 1**, u **Omissis 2**

**Lil John Saliba u Omissis 1 wehidhom:**

Akkuzati talli fit-3 ta' Lulju 2008 u fil-gimghat ta' qabel, bi vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, uzu influenza jew pressjoni, u billi ta jew ircieva hlasijiet jew beneficji

sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuna li kellu l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffika persuna ta' eta' bil-ghan li din il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni.

**Lil John Saliba, Omissis 1 u Omissis 2**

Akkuzati talli fit-3 ta' Lulju 2008 u matul ix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranija;
2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, haunt jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
3) Bhala persuni responsabbli minn haunt, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

**Lil John Saliba u Omissis 2 wehidhom:**

Akkuzati talli fit-3 ta' Lulju 2008 u matul ix-xhur precedenti, fil-fond Blue Moon li jinsab gewwa Triq Ghar il-Lembi, Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

4) Bhala s-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond Blue Moon li jinsab gewwa Triq Ghar il-Lembi, Sliema xjentement taw b'kiri, jew ippermettew l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali;

5) Impjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kienux persuni ezenti u la ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew b'mod iehor ghent jew assistejt lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-artikolu 32(1)(b) tal-istess Att.
6) Impjegajtu persuni minghajr licenzja u dan bi ksur tal-art. 5(9) tal-A.L. 205 tal-2004.
7) Bhala principali impjegajtu xi persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta, liema persuna ma kellhiex permess tax-xoghol u dan bi ksur tal-artiklu 7 Avviz Legali 1993.

**Lil Omissis 1 wahdu:**

8) Bla ordni skont il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Emilie Skarp kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.
9) U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi ikkommetta reat, wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba illi f'kaz ta' kundanna ghal reat taht l-Ordinanza Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostutuzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sari r-reat skond l-artikolu 14 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll illi f'kaz ta' kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn John Saliba u Omissis 2 u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relativa ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar 'l fuq u dan skond l-artikolu 7 tal-Avviz Legali 110/1993.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhirlha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Emilie Skarp, u l-familja taghha, minn issa

tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xieraq;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-lIgi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha l-imputat intbaghat sabiex il-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti u li huwa ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk deciz.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019 l-imputat John Saliba ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat John Saliba ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

**Piena**

Illi in linea generali jibda biex jinghad *li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn*

*jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena*[1].

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht certu kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2006

moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Wood[3]) qalet hekk:

*"Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Annabelle Camilleri**[4] gie ritenut:

*"Il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009
[3] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

[4] Deciza fil-25 ta' Marzu, 2014

*filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera biccar li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.*

*Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamin Farrugia,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] qalet hekk:

*"Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Ritmar Hatterley et tad-9 ta' Ottubru 2008, "Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...". Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-kaz tal-appellant tfacca dan il-"window of opportunity" u zgur li mhux se tkun il-Qorti illi se taghlaq din it-tieqa ta' opportunità u ma taghtix lill-appellant jibbenefika minn dan il-progress illi s'issa immanifesta fil-mori ta' dan l-appell. Fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appellant hu addebitat ukoll bi ksur tal-probation moghtija milll-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Frar 2013.*

*Ikkunsidrat:*

*L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dan il-fatt u din il-Qorti hija konxja tar-responsabiltà taghha meta tigi infaccata ma' persuna illi tkun*

[5] Deciza fis-26 ta' Frar, 2015

*digà kisret ordni ta' probation. Però l-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija qalet ukoll, "issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-adocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-bandu l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ...".*

*Ghalhekk il-Qorti b'sens ta' fiducja u ottimizmu se terga' taghmel dan u tpoggi lill-appellant taht perjodu ta' probation sabiex jigi segwit professjonalment u jassigura illi dan il-progress illi ghamel s'issa jibqa' ghaddej u l-appellant ma jergax jaqa' fil-vizzju illi gabu f'tant inkwiet."*

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata fil-kaz odjern, din il-Qorti minghajr ma timminimizza n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat li huma ta' entita' serja u gravi tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u dan ghas-segwenti ragunijiet:

- Mis-social inquiry report[6] jirrizulta li l-imputat kellu trobbija difficli u kif ukoll kien inkarcerat fuq zewg kazijiet. Madankollu jirrizulta li ghandhu hajja familjari stabbli u li matul it-trapass taz-zmien tal-proceduri odjerni, kwazi tnax-il sena, l-imputat dejjem hadem u gharaf l-izbalji tieghu u huwa evidenti li l-istess imputat gharaf li dan iz-zmien juzah sabiex ma jwettaqx aktar zbalji u infatti ma regghax xellef dufrejh mal-gustizzja u investa fil-hajja familjari tieghu.
- Fiz-zmien tat-twettieq tar-reati l-pieni impost mil-ligi kienu differenti mil-ligi vigenti prezentement u billi l-piena fiz-zmien tat-twettieq tar-reati hija dik l-aktar favorevoli ghall-imputat se tigi applikati dik il-piena.
- Il-Prosekuzzjoni proprju minhabba tali ragunijiet ma tinsistix fuq prigunerija effettiva.

[6] Dok MFS1 a fol 2393 tal-process

- Illi din il-Qorti f'dan il-kaz, anki fuq talba tad-difiza, tqis li hemm l-estremi sabiex jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 a beneficcju tal-imputat u dan ghar-ragunijiet appena msemmija kif ukoll ghal dak li rrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation. Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Ryan Dimech** [14.10.2004], hu pacifiku fil-gurisprudenza li biex Qorti taghti piena taht il-minimu, irid ikun hemm "ragunijiet specjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza".

**Decide**

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 21,248B, 248A(2)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7(1)(3), 8(1)(3), 9, 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 23, 32(1)(b)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 51(1) tal-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 5(9) u 7 tal-Avviz Legali 205 tal-2004, fuq ammissjoni ssib lill-imputat John Saliba hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin millum u inoltre' tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €465.87.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Billi Emilie Skarp telqet lura lejn pajjizha wara li tat ix-xhieda taghha m'hemmx il-htiega ghall-hrug ta' Ordni ghat-Trazzin.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**